MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2008

Numru 313/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Dennis Theuma**
**vs**
**Pauline Pisani**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Pauline Pisani ta' 20 sena bint Maria Pisani mwielda Pieta fid-9 ta' Novembru 1985 u rsidenti 44, Camenzuli Street Sliema, ID 558785M.**

**Akkuzata talli f'dawn il-Gejjer fis-27 ta' Gunju 2006 u fil-gimghat ta' qabel**

**(a) forniet jew pprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-u¿u ta'**

**persuna/i mingħajr ma kellha licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolu¿i (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li tforni d-droga u ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha licenzja jew xort’oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

**(b) kellha fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolu¿i Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha għall-u¿u tagħha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

**(c) u talli minghajr l-awtorita’ legittima dahhlet jew ppruvat iddahhal f’xi parti mill-konfini tal-habs medicina (raza tal-pjanta cannabis) li hija medicina perikoluza skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi bi ksur ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputata sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Il-Qorti rat l-ammissjoni ta' l-imputata ghal dawn l-imputazzjonijiet, liema ammissjoni hija kkonfermat wara li nghatat zmien bizzejjed biex tahsibha. Ghal daqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat it-Taqsima 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(i) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif wkoll ir-Regolament 4 u 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikolu 7 tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17B u 17H tal-Kap 9 ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh b'dan pero li t-tieni imputazzjoni tigi assorbita fl-ewwel wahda ai fini ta' l-Artikolu 17H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar il-piena il-Qorti qed tqis li l-imputata ammettiet mill-ewwel u kif wkoll hadet in konsiderazzjoni dak li kellha xi tghid ir-rapprezentanta tas-Sedqa dwar l-imputata. Din tidher li ghandha bzonn ta' ghajnuna kbira u tidher wkoll li facilment tkun influwenzata minn haddiehor. F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti qed tikkundanna lill-imputata ghal 7 xhur prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' 467 Euro. Il-multa tista tithallas b'rata ta' 50 Euro kull 4 gimghat, bl-ewwel pagament isir fi zmien 4 gimghat millum. Jekk xi pagament ma jithallasx, allura l-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx, allura din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------